# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 9 ta' Mejju 2024**

**Numru 6**

**Rikors Numru 158/21TA**

**Maria Concetta magħrufa bħala Cettina Caruana (KI Nru 471451M)**

**Vs**

**John Camilleri (KI Nru 461359M) u martu Doreen Camilleri (KI Nru 438561M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Maria Concetta sive Cettina Caruana (l-Attriċi) tat-22 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

(i) "Illi r-rikorrenti hija mart Salvatore sive Salvu Caruana li miet fit-30 ta' Jannar 2018 u l-istess rikorrenti giet nominata bhala werrieta universali u padruna assoluta tal-gid tieghu, prezenti u futur, permezz ta' l-ahhar testment unica charta tieghu li sar fl-24 ta' Jannar 2018 in atti tan-Nutar Joseph Debono (Dok "A");

(ii) Illi l-istess Salvatore sive Salvu Caruana silef flejjes lill-intimati fuq tlett okkazzjonijiet differenti fl-ammont globali ta' kapital ta' mija u tlieta u sittin elf u sitta u hamsin ewro u erbatax-il centezmu (EUR 163,056.14 )bl-imghax ta' tmienja (8%) fil-mija;

(iii) Illi dan is-self brevi manu sar permezz ta' tlett skritturi ta' self datati 7 ta' April 2005 fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (EUR23,293.73); skrittura ohra datata 28 ta' Frar 2006 fl-ammont ta' disgha u sittin elf, tmien mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (EUR69,881.20), u skrittura ohra datata 4 ta' Lulju 2007 fl-ammont ta' disgha u sittin elf, tmien mija u wiehed u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (EUR69,881.20), liema skritturi qeghdin jigu hawn annessi u markati rispettivament Dok "B", Dok "C" u Dok "D";

(iv) Illi fuq medda ta' zmien, l-intimati hallsu lir-rikorrenti u lil mejjet zewgha, l-ammont komplessiv ta' sitta u tmenin ewro, sitt mija u disgha u ghoxrin ewro u hamsin centezmu (EUR86,629.50) bl-ahhar pagament ikun fl-4 ta' Novembru 2014;

(v) Illi, wara tali data, saru diversi weghdiet da parte tal-intimati kif ser jissaldaw id-debitu minnhom dovut inkluz li jsir trasferiment ta' immobbli taht titolu ta' datio in solutum lejn l-ahhar tas-sena 2017, izda dawn qatt ma mmaterjalizzaw;

(vi) Illi ghab-bazi tal-iskritturi surriferiti u t-tnaqqis relattiv ghal-pagamenti li saru s'issa mill-intimati, l-ammont dovut mill-intimati huwa dak ta' mitejn sebgha u erbghin elf, mija u erbgha u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu (EUR247,124.47) bl-imghax kalkolat sat-3 ta' Novembru 2019, oltre imghaxijiet dekoribbli minn dak in-nhar, u dana skont l-ezitu li rrizulta minn ezercizzju li sar mill-komputista appuntat mir-rikorrenti (Dok "E)";

(vii) Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u fir-rigward ta' liem l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jaghtu;

(viii) Illi, minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-bilanc li sar lill-intimati permezz ta' ittra legali datata 20 ta' Mejju 2015 (Dok "F"), ittra legali ohra datata 3 ta' Ottubru 2017 (Dok "G") u ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru 2019 (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok "H"), l-intimati baqghu inadempjenti;

(ix) Illi, fic-cirkostanzi tal-kaz, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smiegh, billi l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressqu kontra t-talba tar-rikorrenti;

(x) Illi l-esponent taf b'dawn il-fatti personalment ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

(i) Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tar-rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors, skond il-procedura preskritta fl-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' (€247,124.47) rapprezentanti self li sar lilhom fi tlett okkazzjonijiet flimkien l-imghax dekors sat-3 ta' Novembru 2019 kif fuq spjegat u ghar-ragunijiet fuq indikati;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri legali datati 20 ta' Mejju 2015 u 3 ta' Ottubru 2017 u tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Ottubru 2019, oltre l-imghaxijiet legali mit-3 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv, lkoll kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' John u Doreen konjuġi Camilleri (l-konvenuti) tat-22 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. "Preliminarjament, l-azzjoni attriċi ma tistax tintlaqa' stante li t-talba hija msejjsa fuq *causa* illeċita billi s-self mertu tal-kawża sar bi ksur tal-liġi, inkluż tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376);

2. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' hekk kif l-ammont pretiż mhuwiex dovut mill-esponenti, stante illi apparti mill-inkonsistenzi fir-rikors promotur, kienu saru diversi ħlasijiet mill-esponenti u għaldaqstant, l-ammont reklamat mhuwiex dovut;

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, triq issir l-imputazzjoni tal-ħlas skond il-liġi, stante illi d-diversi ħlasijiet li saru mill-esponenti ma ġewx imputati kif trid il-liġi;

4. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-tieni talba attriċi ma tistax tintlaqa' għaliex l-imgħax kif maħdum jikser il-prinċipju tal-*ultra duplum* u *di piu* qed jintalab imgħax fuq imgħax;

5. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, fir-rigward tal-imgħax, ma jistax jgħaddi imgħax b'lura stante li jeħtieġ li l-pagamenti jiġu imputati kif imiss, u quindi *in illiquidis non fit mora*;

6. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Illi in sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-esponenti jiddikjaraw dan li ġej:

1. Illi l-Art. 3(1) tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji jgħid illi: "L-*ebda attività elenkata fl-Ewwel Skeda ta' dan l-Att, minbarra servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet, m'għandha tiġi tranżatta regolarment jew abitwalment, fi jew minn Malta, ħlief minn kumpannija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti*." Skond l-Art. 2 tal-imsemmi Att "*istituzzjoni finanzjarja*" tfisser "*kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tidħol biex twettaq xi attività elenkata fl-Ewwel Skeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qiegħda twettaq dik l-attività u li jkollha liċenzja jew tkun reġistrata taħt dan l-Att*". L-ewwel attività li hemm imniżżla fl-Ewwel Skeda hija dik ta' "*self*", li fil-qafas tal-liġi nnifisha tista' tfisser bis-self ta' flus.

2. Illi s-Sur Caruana, ir-raġel tal-attriċi illum mejjet, kien silef flus lill-esponenti f'diversi okkażjonijiet. Dokumenti li għandhom l-esponenti juru li kien sar self addirittura f'Ottubru tal-2003 għall-ammont ta' sebat elef Lira (Lm7,000) (Dok. 'A'), liema self mhuwiex imsemmi mill-attriċi fir-rikors promotur għall-fatt illi dan ġie mħallas fl-intier tiegħu mill-esponenti (Dok. 'B'). Dan ikompli juri kemm is-Sur Caruana kien isellef abitwalment lill-esponenti u kemm dan is-self ma kienx aġir straordinarju għalih iżda wieħed abitwali. Mhux talli hekk talli kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, dan saħansitra kien jiddependi fuq flus ta' terzi biex isellef lill-esponenti (Dok. 'C'). Isegwi li sakemm is-Sur Caruana ma kellux liċenzja maħruġa skont dak l-Att biex seta' jislef, stante li huwa kien qed isellef lill-esponenti b'mod abitwali u ma kinitx xi ħaġa ta' darba biss, tali self ma jiswiex għaliex imsejjes fuq *causa illeċita*.

3. Illi l-istess Caruana kien jaqta' l-pagamenti kif jidhirlu hu b'mod li kien iħalli l-kapital dejjem kostanti u dovut bl-iskop li l-esponenti ma jaqtgħu qatt id-debitu tagħhom. Inoltre, kull ftehim li ġie propost ġie sfrattat mill-istess Caruana. Kien hemm tant trapass ta' żmien li għall-esponenti din kienet kwistjoni magħluqa biex imbagħad, snin wara li miet Caruana, saret l-odjerna kawża.

4. Illi jidher ċar anke mad-daqqa t'għajn li t-talba attriċi tikkontjeni imgħax li jiżboq il-kapital tant hu hekk li fil-waqt li t-talba hija għall-

kanonizazzjoni tas-somma ta' €247,124.47, kif jidher mir-rendikont immarkat Dok. 'E' mar-rikors ġuramentat, tali somma tinkludi €163,056.14 bħala l-kapital allegatament misluf oltre għal €176,515.56 f'imgħaxijiet u kwindi anke mad-daqqa t'għajn hawn ksur tal-prinċipju tal-*ultra duplum* fis-somma ta' €13,459.42. Mhux talli hekk, talli fit-talba tagħha l-attriċi qed titlob "*l-imgħaxijiet legali mit-3 ta' Novembru 2019 sad-data tal-pagament effettiv*" fuq is-sorte sħiħ ta' €247,124.47 u kwindi qed tikkapitalizza l-imgħaxijiet li allegatament iddekorrew sal-lum bil-konsegwenza li jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba attriċi, jkun hemm mhux biss ksur tal-prinċipju tal-*ultra duplum*, iżda anke imgħax fuq l-imgħax.

5. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment mill-esponenti.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat is-Sentenza parzjali tal-14 ta' Lulju 2022.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għal-lum.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-Attriċi hija l-armla tad-defunt Salvu Caruana li miet fit-30 ta' Jannar 2018. B'tesment unicha charta tal-24 ta' Jannar 2018 ħalla lill-Attriċi eredi universali tiegħu.

**2.** Meta l-imsemmi Salvu Caruana kien għadu ħaj kien silef diversi ammonti ta' flus bl-imgħax ta' 8% biex illum is-somma kollha telgħet għal €247,124.47 (ara a' fol 19).

**3.** Skont l-Attriċi din is-somma tiġbor fiha s-self ta' flejjes lill-konvenuti bis-saħħa ta' tlett skritturi datati 7 ta' April 2005, 28 ta' Frar 2006 u 4 ta' Lulju 2007 (ara a' fol 13, 14 u 15).

**4.** Minkejja li l-konvenuti ġew mitluba diversi drabi jħallsu l-ammonti mislufa dawn baqgħu inadempjenti biex għalhekk l-Attriċi kienet kostretta li tipproċedi bl-istanti.

**Punti ta' liġi**

**5.** Dan huwa self ossia mutuum regolat skont l-Artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

"*Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità."*

**6.** Minn din it-tifsira li l-liġi tagħti lill-kuntratt ta' mutwu, huwa evidenti li l-attur li jitlob ir-restituzzjoni tal-ħwejjeġ minnu mislufa jrid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kuntratt.

**7.** Dawn l-elementi jikkonsistu fit-*traditio rei*, fil-każ in diżamina l-konsenja tal-flus, u li tali konsenja saret b'titolu li jimporta l-obbligu fl-accipiens li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa. Jista' jingħad li l-attur ikun adempixxa l-oneru probatorju inkombenti fuqu jekk jiġu aċċertati l-imsemmijin żewġ elementi. (Ara Sentenzi tas-**17 ta' Ġunju, 2005 fl-ismijiet Mary mart Nazzareno Farrugia f'isimha propio et -vs- Pacifico u Vitorin konjugi Bonnici**).

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** Il-Qorti tibda biex tirrileva li l-konvenut jgħid kemm -il darba li għamel ħlasijiet. Di fatti saħansitra jgħid li d-defunt, żewġ l-Attriċi kien jagħtihom ir-riċevuti tal-ħlas (a' fol 252 tergo, a' fol 253, a' fol 256 u a' fol 257).

**9.** Kwantu għall-prova li sar il-ħlas ir-regoli tal-prova huma spjegati f'bosta Sentenzi ta' dawn il-Qrati.

**10.** Dwar il-prova tal-pagament, huwa risaput li "*la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega*" (ara **Sentenza fl-ismijiet "Azzopardi -vs- Cutajar" deċiża fit-30 ta' Ġunju, 1982 tal-PA** u l-ġurisprudenza hemm kwotata). Fis-**Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "Cassar -vs- Aġius" deċiża fis-7 ta' Lulju, 1924**, qalet li l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi risolut favur l-attur (ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet "Seychell -vs- Gabriele" tad-29 ta' Lulju, 1982 tal-Prim Awla, "Satariano -vs- Saliba" deċiża fl-1 ta' Ottubru, 1982, "Scicluna -vs- Mizzi" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Marzu, 1988 u "Scicluna -vs- Cutajar" deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2000**).

**11.** Jibda qabel xejn biex jingħad li l-oneru tal-prova hu mixħut fuq il-kreditur f'dawk il-każijiet biss fejn jiġi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil' hinn mid-dubju raġjonevoli. Tali prova mhux neċessarjament tirrikjedi dejjem u bilfors il-prova tar-riċevuta. Dan għaliex mhux eskluż li l-prova ta' ħlas issir mod ieħor ("**Joe Chetcuti et –vs- Joseph Pearson et noe") Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u deċiżjoni fl-ismijiet "Manuel Zerafa**

**–vs Nazzareno Muscat Scerri", Prim'Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970**).

**12.** Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-konvenut minkejja li jgħid li kien jingħata riċevuti u li kellu dawn ir-riċevuti xorta waħda naqas li jipproduċihom. Ma hux jistrieħ fuq provi oħra ċirkostanzjali fin-nuqqas ta' riċevuta bħala prova tal-ħlas, iżda propju fuq dawn ir-riċevuti għal xi raġuni baqgħu f'idejh.

**13.** Il-konvenut jgħid li kien iħallas lir-raġel tal-Attriċi bil-kont tal-Bank. L-ewwel wieħed ġie ssaldat b'cheque u l-konvenut għamel plejtu għaliex ried li jitħallas kontanti. Jgħid ukoll li l-aħħar pagament għamlu ħu l-Attriċi l-iSpettur tal-Pulizija li jismu Jeffrey Cilia (a' fol 252). B'dana kollu la tressqu l-Banek biex issir din il-prova ta' ħlas u lanqas ċertu Jeffrey Cilia li ħallas €6000 għan-nom tagħhom (a' fol 252 u tergo). Il-konvenut mexa wisq b'diżonvoltura fil-prova tal-produzzjoni tal-ħlas li jallega li għamel.

**14.** F'dan ir-rigward il-Qorti trid tirrileva, li d-dokumenti eżebiti mar-risposta ġuramentata ma humiex riċevuti ta' ħlas iżda waħda hija dokument datat 20 ta' Ottubru 2003 konsistenti f'self li m'għandu x'jaqsam xejn mas-self mertu ta' din il-Kawża, oħra datata li huwa ħlas antecedent għas-self li għandha quddiemha din il-Qorti, referribilment għall-kont ta' l-20 ta' Ottubru 2003 u l-aħħar waħda hija speċi ta' dikjarazzjoni datata 5 ta' Lulju 2007 li presumibilment tispjega s-somma mislufa fil-ġurnata ta' qabel fl-4 ta' Lulju 2007 (a' fol 82, a' fol 83 u a' fol 84).

**15.** Il-Qorti tistqarr li sabet nuqqas ta' luċidita' da parti tal-konvenuti meta ġew biex jispjegaw kemm tassew ħallsu u x'fadal jitħallas, partikularment ix-xhieda tal-konvenut John Camilleri (a' fol 250 sa fol 259). Tant hija nebuluża x-xhieda li jagħmilha diffiċli ħafna biex dak li jkun jekk tassew tħallsu xi flus u jekk tħallsu kemm kien l-ammont. Kważi kważi l-konvenuti saħansitra jemmnu li l-fatt li offrew propjeta' immobbli konsistenti f'arja, naqas mill-Attriċi li ma aċċettatx u għalhekk ma għadx hemm obbligu li jħallsu għaliex kienet hi li rrifjutat (Ara a' fol 255 u tergo).

**16.** Iżda f'dan ir-rigward il-Qorti tgħid li dak li għandu jintradd lura b'self, anke jekk *res fungibblis* bħal ma huma l-flus, trid tintradd lura fl-istess speċi u ammont, f'dan il-każ kienu flus. Dan joħroġ minn artikolu 1842 fuq imsemmi tal-Kodiċi Ċivili. Dawn il-Qrati jispjegaw li l-muttum jimporta l-obbligu ta' restituzzjoni nkondizzjonata li bih il-konvenut intrabat li jrodd lura dan l-istess ammont kapitali lill-attur li avvanzawh lilu. Dan il-prinċipju jinkwadra tajjeb fil-kuntratt ta' self għall-konsum kif definit fl-artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili. (Ara **Sentenza tat-23 ta' Frar 2001 fl-ismijiet "Paul Cremona u martu Kathleen -vs- Dr. Antoine Gambin u martu Dr. Nadya O'Flahherty" tal-PA**). Għalkemm jrid ukoll jingħad li fi kwalunkwe każ, il-Perit Henry Attard irraporta li l-arja li kellha tkun trasferita ma setgħu qatt joħorġu sulari addizzjonali u li għalhekk fir-realta' żgur ma kellhiex il-valur ekwiparabbli għall-ammont li kellu jitħallas lura (a' fol 208 tergo).

**17.** Iżda minkejja kollox il-konvenut jirrikonoxxi diversi drabi li mill-kapital ma tħallas xejn. Il-konvenut mistoqsi xi kemm għandu jagħti jwieġeb "Xi

two" (a' Fol 254). Il-Qorti fehmet mitejn elf ewro (€200,000) (a' fol 354). B'dan kollu l-konvenut ma jafx kemm għandu jagħti u jgħid li kien ħallas xi imghax u jsemmi ċ-ċifra ta' sitt elef ewro (€6000), presumibilment dak li allegatament ħallas Jeffrey Cilia li kif ingħad qatt ma tressaq bħala xhud (a' fol 254 tergo). Jgħid ukoll li mill-għaxart elef ewro (€10,000) qatt ma tħallas xejn (a' fol 256 tergo). Dwar is-self ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000), jgħid li ma ħallsu xejn kapital u l-imgħaxijiet li l-aħħar li tħallsu kien fl-2010 (a' fol 257). Għalkemm fuq mistoqsija tal-avukat tal-konvenuti dan jaqbel li l-ammont misluf kien ta' mija u tlieta u sittin elf ewro (€163,000) (a' fol 222 u a' fol 223).

**18.** Ix-xhud komputista mqabbad mill-Attriċi jinsisti diversi drabi, li hu mexa bil-metodu l-aktar favorevoli għall-konvenuti meta kkalkula l-imgħax (a' fol 222 u a' fol 224). Apparti dan mill-ittra datata 9 ta' Ġunju 2016 li l-konvenuti bagħtu bi draft ta' kuntratt ta' datio insolitum lin-Nutar Debono biex joqtlu kull dejn li kellhom mar-raġel tal-Attriċi jirriżulta li l-ammont li kien mogħti minnhom stess huwa ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000) (a' fol 56). Iżda kif ingħad, il-Perit Henry Attard irraporta li l-arja li kellha tkun trasferita ma setgħux joħorġu sulari addizzjonali (a' fol 208 tergo).

**19.** Min-naħa l-oħra l-konvenut qiegħed iqanqal li s-somma li qed tintalab f'din il-kawża tmur kontra r-regola tal-projbizzjoni tal-*ultru duplum*.

**20.** Dan huwa prinċipju antik li jmur lura għal Gustinjanu:

*"Cum igitur leges nostrae nihil ultra duplum solvi velint: et nos in hoc tantum differentiam habeamus cum prioribus, quod illae quidem debita constituant*

*usque ad duplum, si nulla particularis facta fuisset solutio: nos vero recipiamus, ut particulares etiam solutiones debita dissolvant, si usque ad duplum pertingant...*" (**Novella Constitutionis CXXI Cap 2: Imperatur Gustinjanu lil Basile, Gvernatur ta' Tarsu**).

**21.** F'dan ir-rigward Ryan Montebello, il-komputista nkarigat mill-Attriċi, fix-xhieda tiegħu jagħraf id-dokumentazzjoni li ġiet presentata mill-Attriċi in sosten tal-kreditu (a' fol 16, a' fol 27 sa fol 55). Jikkonferma li ħadem fuqha biex wasal għall-konklużjonijiet tiegħu fir-rapport li ħejja (a' fol 192 tergo). Dan jispjega li *"peress li ma kienx hemm one bulk payment kienu jiġu kwantfikati l-interessi bil-ġurnata biex b'hekk bl-ebda mod ma jkun hemm imgħax fuq imgħax u ħadem bis-simple interest u ma hemm imkien compound interest"* (a' fol 193 u tergo). Qal ukoll li sa meta xehed l-ammont tela' għal mitejn u ħamsa u disgħin elf ewro, tmien mija u tlieta u disgħin (€295,893) (a' fol 194 tergo).

**22.** Issa kwantu għall-prinċipju ta' l-*ultra dumplum* dawn il-Qrati diversi drabi ddeċidew li din għadha applikabbli peress li ma ġietx abrogata bl-Ordinanza VII tal-1868. Il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti sentenzi rigward dan il-kunċett: **PA "Baldassare Randon et vs Reġina Apap et" 26 ta' Ġunju 1881 – Vol V – 567; PA "Nutar Giuseppe Raimondo Psaila nomine vs Francesco S Psaila et" 22 ta' Marzu 1878 – VIII – 471; PA "Lorenza Vassallo vs Francesco S Palmier et" 31 ta' Marzu 1878 – Vol VIII – 586; App "Giovanni di Lorenzo Pace Balzan vs Giuseppe Muscat" 27 ta' April 1883 – X – 128**.

**23.** Dawn jirribadixxu l-prinċipju li l-imgħax li ma jkunx tħallas ma jistax jeċċedi l-kapital. L-ammont tal-lukri mhux imħallsa huwa limitat sal-ammont tal-kapital dovut. L-imgħax mhux imħallas perjodikament m'għandux jissupera l-kapital li fuqu jkun dovut. Iżda għalkemm ir-regola dwar l-ultra duplum teżisti din tirreferi għal mutwu.

**24.** Ir-regola li l-imgħax m'għandux jeċċedi l-kapital hija applikabbli għall-kuntratt ta' mutwu u matul iż-żmien li l-imsemmi kuntratt ikun għadu għaddej. Fis-**Sentenza "Vassallo vs Baluci"** ġie deċiż li r-regola tal-ultra duplum mhux applikabbli għall-kuntratt ta' overdraft. Ir-regola ta' l-ultra duplum lanqas ma hi applikabbli għal somom li jkunu ġew kannonizzati b'Sentenza tal-Qorti.

**25.** Kwantu jirrigwardja dan il-prinċipju ta' *ultra duplum* il-Qorti ma tħossx li fil-kuxjenza ma tistax tiskarta x-xhieda tal-imsemmi komputista Ryan Montebello fil-kontro eżami. Dan xehed hekk:

"***Dr. John Bonello****: U naqblu li l-ammont misluf kien ta' 163,00…*

***Xhud*** *: Skond id-dokumenti li ġew annessi lili , iva.*

***Dr. John Bonello****: U naqblu illi l-kapital u l-imgħax, flimkien, jiżbqu bil-bosta l-kapital?*

***Xhud****: Naturalment marbut mal-perjodu għax jekk nieħu loan illum jien u nħallsu mitt sena oħra, l-inklużjoni differenti. Dak dejjem tinħadem day by day, Jekk nieħdu loan llum u inħallas..*

***Qorti:*** *….f'kelma waħda qed jgħidlek, l-imgħax li ddekorra issa….*

***Xhud****: Eħe*

***Qorti*** *: Jaqbeż il-kapital li ġie misluf?*

***Xhud****: Iva minħabba li hu marbut …*

***Qorti****: Jaqbeż…*

***Xhud****: Mad-data*". (a' fol 222 u a' fol 223).

**26.** Il-konvenuti ma nkarigaw ebda espert komputista biex jagħmel eżerċizzju ta' x'ħallsu, x'kellu jitħallas u kemm kienu l-imgħaxijiet. Min-naħa l-oħra, partikularment fid-dawl tax-xhieda msemmija, din il-Qorti ma tistax teskludi li l-imgħax tassew żoboq il-kapital u dan bi ksur tal-prinċiju tal-*ultra duplum*.

**27.** Meta l-Qorti eżaminat ir-rikors ġuramentat sabet li l-ammonti li qed jingħad li kienu mifthema fl-iskritturi ċitati m'humiex dawk imsemmija realment fl-istess skritturi. Iżda l-Qorti fehmet ukoll li dak li ġara hu, li fir-rikors ġuramentat jidher li ġabar fiħ il-kapital u l-imgħax. Meta jintgħaddu l-ammonti kollha fit-tielet gravami tar-rikors ġuramentat huwa dak ta' mija u tlieta u sittin elf u sitta u ħamsin ewro (€163,056) mentri fl-iskrittura l-kapital huwa dak ta' sebgħin elf ewro (€70,000).

**28.** B'dan ifisser, li jekk ir-regola ta' l-*ultra duplum* tfisser, li mhux permessibbli fil-liġi, li l-imgħax jissupera l-kapital, għalhekk huwa ċar, li kull ammont li jeċċedi l-mija u erbgħin elf ewro (€140,000) huwa bi ksur ta' dan il-prinċipju.

**29.** Dan ifisser li wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, ser tkun qed tillimita l-ammont mitlub għal mija u erbgħin elf ewro (€140,000) li għandhom jitħallsu bl-imgħax legali mid-data tal-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv. L-imgħax qiegħed jingħata b'dan il-mod, għaliex l-Attriċi ġiet imċaħħda minn dak li hu dovut lilha skont il-liġi, sa mill-anqas minn meta talbet li titħallas is-self lura minn meta saret il-kawża odjerna. Kieku l-konvenuti riedu jeħilsu minn kull imgħax, messhom għaddew għad-depositu ta' din is-somma taħt l-Awtorita' tal-Qorti qabel ma ġiet istitwita din il-Kawża.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bil-mod segwenti.

**Tilqa' ir-raba eċċezzjoni** tal-konvenuti u **tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija eżawrita.

**Tilqa t-tieni talba Attriċi** limitatament għas-somma ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-Attriċi din is-somma bl-imgħaxijiet legali mit-22 ta' Frar 2021.

Spejjes tal-Kawża għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**